# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMHALLFIN

**S. T. O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 15 ta' Dicembru 2015**

**Numru 4**

**Rikors Numru 83/13 AF**

**Zakkarija Calleja**

**v.**

**Avukat Generali**

**Il-Qorti:**

## Preliminari

1. Dan huwa appell maghmul mill-intimat, minn sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili, fil-kompetenza kostituzzjonali taghha, fl-4 ta' Marzu 2015 li permezz taghha dik il-Qorti, filwaqt li ddikjarat li r-rikorrent Zakkarija Calleja ma kellux smigh xieraq fi zmien ragjonevoli fil-kawzi 319/07 fl-ismijiet **Ignazio Gatt v. Zakkarija Calleja** u 994/71 fl-ismijiet **Zakkarija Calleja v. Ignazio Gatt**, ikkundannat lill-iStat rapprezentat mill-intimat sabiex ihallas lil

Zakkarija Calleja s-somma ta' hamest elef Euro (€5,000), bl-ispejjez kontra l-istess intimat.

Mertu

2. F'dawn il-proceduri, ir-rikorrent qieghed jallega li fil-kawzi fuq indikati, gie vjolat id-dritt tieghu ghal smigh xieraq fi zmien ragjonevoli fit-termini tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem [il-Konvenzjoni] u dan ghaliex ilhom ghaddejjin ghal dawn l-ahhar tlieta u erbghin (43) sena u ghadhom mhumiex definittivament decizi sallum.

3. Fir-rikors tal-appell tieghu l-intimat qed jitlob li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tichad it-talbiet tar-rikorrent, bl-ispejjez kontra tieghu.

4. Minn naha tieghu, ghalkemm waqt l-udjenza tas-6 ta' Lulju 2015 kien talab zmien sabiex jipprezenta risposta, ir-rikorrent baqa' ma wegibx ghall-appell.

Is-Sentenza Appellata

5. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha, a bazi tas-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Ikkunsidrat illi r-rikorrenti qed jitlob dikjarazzjoni li d-dritt tieghu ghal smiegh xieraq fi zmien ragonevoli, kif tutelat mill-Art. 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Fondamentali ta' Bniedem, gie

lez meta zewg kawzi li kien parti fihom damu tlieta u erbghin sena biex gew decizi. Infatti z-zewg kawzi gew decizi wara l-ftuh tal-proceduri odjerni.

> "Ikkunsidrat illi l-Art. 6(1) tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem jipprovdi illi:
>
> *"In the determination of his civil rights and obligations or of any criminal charge against him, everyone is entitled to a fair and public hearing within a reasonable time by an independent and impartial tribunal established by law"*.

"Fis-sentenza David Marinelli vs Avukat Generali (3 ta' Lulju 2008), il-Qorti irriteniet illi:

> *"B'mod generali, biex jigi determinat jekk is-smiegh f'xi proceduri quddiem il-Qorti sarx fi zmien ragjonevoli kif miktub mill-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u mill-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja, wiehed irid iqis ic-cirkostanzi kollha partikolari f'dawk il-proceduri, u b'mod partikolari:*
>
> *1. in-natura u/jew komplessità tal-kaz in kwistjoni,*
> *2. il-kondotta tal-partijiet fil-kawza, u*
> *3. il-mod kif dawk il-proceduri gew trattati u kondotti mill-awtorità gudizzjarja stess"*.

"Fil-kawza Francis Theuma vs Avukat Generali (27 ta' Gunju 2003) intqal inoltre illi:

> *"S'intendi, dawn il-kriterji jridu jigi applikati ghall-kaz konkret u mhux fl-astratt, b'mod ghalhekk li ghandu jigi ezaminat sew il-process li jkun qed jigi allegat li jaghti lok ghall-ksur lamentat. Ma hemmx, ghalhekk, xi periodu pre-determinat, applikabbli ghal kull kaz, li jekk jinqabez ikun hemm ksur minhabba dewmien mhux ragonevoli".*

"Fil-11 ta' Awissu 2003, il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza John Bugeja vs Avukat Generali affermat inoltre illi:

> *"Meta jinstab li kawza damet pendenti ghal zmien twil u damet irragonevolment biex inqatghet, ikun gudizzju simplicistiku wisq li tintefa l-htija ghad-dewmien fuq l-imhallef partikolari li jkun sema' l-istess kawza li damet. Ikun gudizzju x'aktarx immensament ingust li takkuza jew li tinsinwa li dak l-imhallef partikolari ikun tghazzen, tnikker jew generalment ma kienx diligenti f'xogholu. Dan ghaliex, fil-verità, l-abilità ta dak l-imhallef li jiddisponi mill-kawzi fi zmien ragonevoli ma tiddependix biss fuq il-kwalitajiet intrinsici u personali tieghu, izda, fil-parti l-kbira tiddependi fuq l-effikacja o meno tal-ambjent li jahdem fih. Fost il-fatturi li jikkondizzjonaw dan l-ambjent, insibu n-numru kbir ta' kawzi "qodma" (backlog) li "jitghabba" bih appena jilhaq imhallef, in-numru sinjifikanti ta' kawzi godda li jigu assenjati lilu regolartment, u dawk li jista' "jiret" meta jirtira xi gudikant, il-kwalità u l-kumplessità tal-istess kawzi, jekk l-imhallef jinghatax*

*persuni debitament kwalifikati biex jassistuh, jekk jinghatax r-rizorsi necessarji biex jaghmel ir-ricerka tieghu, biex izomm ruhu aggornat fl-istudji tieghu, u biex isib il-hin necessarju ghad-deliberazzjoni u l-kitba tas-sentenzi.*

*Id-dritt fundamentali tal-indivdwu li jkollu l-kawza tieghu mismugha u finalizzata eghluq iz-zmien ragonevoli, jimponi tassattivament fuq l-istat, li jrid josserva s-Saltna tad-Dritt, l-obbligu li jkollu fis-sehh sistema efficjenti t'amministrazzjoni tal-gustizzja. Il-gudikatura tifforma t-tielet kolonna li fuqha hu mibni l-istat. Fis-sistema taghna, huma z-zewg kolonni l-ohra tal-istat, cioe' l-ezekuttiv u l-legislattiv, li ghandhom obbligu li jipprovdu r-rizorsi, l-istrutturi u l-ghodod l-ohra kollha necessarji biex il-Qrati jkunu f'pozizzjoni li jwettqu l-gustizzja fi zmien ragonevoli".*

"Il-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kaz ta' Zimmermann and Steiner vs Switzerland sostniet li l-istati ghandhom l-obbligu "to organize their legal systems so as to allow the Courts to comply with the requirements of Article 6(1) including that of trial within a reasonable time (13 ta' Lulju 1983 para. 29).

"Ukoll fil-kaz ta' Guincho vs Portugal sahqet li stat ghandu l-obbligu li jforni bizejjed rizorsi ghad-disposizzjoni tas-sistema gudizzjarju sabiex ma jkunx hemm dewmien irragonevoli fil-proceduri (10 ta' Lulju 1984).

"F'dan l-isfond ghalhekk wiehed irid iqis il-fatturi kollha u c-cirkostanzi kompleti sabiex tkun tista' ssir evalwazzjoni tar-ragonevolezza o meno tad-dewmien lamentat.

"L-awturi Van Dijk and Van Hoof jispjegaw illi:

*"When the length of the relevant period has been established, it must be subsequently be determined whether this period is to be regarded as reasonable. In many cases the Court only makes an overall assessment, in other cases however, it assesses the lapse of time in each stage of the proceedings. The reasonableness cannot be judged in the abstract but has to be assessed in view of the circumstances of each indivdual case".*

"Il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza Said vs Avukat Generali (11 ta' Novembru 2011) irriteniet illi:

*"Ghalhekk skont dawn il-principji l-ebda fattur partikolari ma huwa wahdu konklussiv, imma l-Qorti trid tezamina l-fatturi kollha separatament biex tivvatula l-effett kumulattiv fuq il-proceduri fl-intier taghhom sabiex tara jekk dawn gewx maghluqa fi zmien ragjonevoli. Il-Qorti tista' ssib li fattur partikolari kien leziv mentri fatturi ohrajn ma kienux".*

"Il-Qorti ezaminat l-atti tal-kawzi li dwarhom qed jilmenta r-rikorrenti u ssib illum, fiz-zewg proceduri, huwa ma kellux il-htija kollha ghad-dewmien. Il-kawzi ghaddew minn elenku shih ta' gudikanti, periti,

periti addizzjonali, periti legali, assistent gudizzjarju sakemm gew finalment decizi.

"Jirrizulta illi f'diversi okkazjonijiet huwa intavola rikorsi sabiex jinghalqu l-provi tal-kontroparti li kienet damet snin twal biex tressaq il-provi taghha. In-nuqqas ta' interess tal-kontroparti kien gie senjalat lill-Qorti diversi drabi tul is-snin, anki mill-periti legali u l-assistent gudizzjarju. Infatti l-kawza 319/70, fejn Zakkarija Calleja kien konvenut giet sahansitra kancellata mill-Qorti wara nuqqas ta' interess.

"Fil-proceduri Kostituzzjonali intavolati mill-eredi ta' Joseph Gatt fejn intalbet ukoll dikjarazzjoni simili ta' lezjoni ta' smiegh xieraq fi zmien ragonevoli in relazzjoni mal-istess kawzi, il-Qorti Kostituzzjonali kellha dan xi tghid:

"Ghar-rigward tal-kumpens komputat il-Qorti Kostituzzjonali fl-istess kawza osservat:

> *"Fil-komputazzjoni tal-kumpens, is-segwenti fatturi huma relevanti:*
>
> *1. L-atteggjament passiv tar-rikorrenti u anke tal-konvenut matul il-proceduri.*
>
> *2. In-nuqqas da parti tal-istat li johloq sistema effikaci sabiex hadd ma jithalla jabbuza bil-process gudizzjarju anke permezz tan-non kuranza tieghu.*
>
> *3. Iz-zmien li r-rikorrenti hallew jghaddi qabel ma stitwew il-proceduri odjerni ghall-otteniment ta' rimedju ghal vjolazzjoni ravvizata.*
>
> *Din il-Qorti tirrileva li ghalkemm il-kawzi damu ghexieren ta' zmien, circa gherbin (40) sena, ir-rikorrenti pprezentaw il-proceduri odjerni f'Marzu 2010. Dan id-dewmien da parti taghhom biex jirreklamaw ir-rimedji kostituzzjonali, apparti milli jkompli juri l-passività da parti tar-rikorrenti, jimmilita kontra taghhom fil-komputazzjoni tal-kumpens; il-Konvenzjoni ma tiffavorixxix lil min jorqod fuq id-drittijiet tieghu. F'dan il-kaz, ir-rikorrenti hadu naghsa twila hafna fejn jidhlu d-drittijiet konvenzjonali taghhom ghax hallew aktar minn erbghin (40) sena sabiex fl-ahhar jiehdu passi konkreti sabiex iressqu l-ilment kostituzzjonali taghhom."*

"Din il-Qorti madankollu, ma ssibx fir-rikorrenti odjern l-istess "doza qawwija ta' passività" li sabet il-Qorti Kostituzzjonali fil-kontroparti u dana peress illi fil-kawza fejn kien huwa attur, huwa intavola diversi rikorsi sabiex jikseb rimedju ghall-passività ta' Joseph Gatt. Ghalhekk fic-cirkostanzi l-Qorti tqis li l-kumpens misthoqq ghandu jirrifletti dan."

L-Appell

6. L-intimat jibbaza l-appell tieghu fuq zewg aggravji: (1) li mhux minnu li r-rikorrent sofra lezjoni tad-dritt tieghu ghal smigh xieraq u (2) li anke jekk dato non concesso jirrizulta li kien hemm ksur ta' dan id-dritt, ir-rimedju moghti ma kienx wiehed idoneju, kemm ghax dikjarazzjoni ta' vjolazzjoni kienet tkun bizzejjed kif ukoll ghax l-kumpens kien wiehed esagerat.

7. Ghalhekk, l-intimat qed jitlob lil din il-Qorti sabiex tirrevoka s-sentenza appellata u, minflok tichad it-talbiet kollha tar-rikorrent, bl-ispejjez kontra tieghu.

L-Aggravji

*L-Ewwel Aggravju*

8. Permezz ta' dan l-aggravvju, l-intimat appellant jilmenta illi l-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni zbaljata illi r-rikorrent ma kellux smigh xieraq fi zmien ragjonevoli u l-fatt li ghaddew 'l fuq minn erbghin sena ma jwassalx awtomatikament ghall-ksur tad-dritt ghal smigh xieraq fi zmien ragjonevoli, izda jehtieg li jittiehdu in konsiderazzjoni l-komplessita` tal-kaz, l-agir tal-partijiet fil-kawza u l-agir tal-awtorita` jew awtoritajiet relevanti. Jikkwota l-kaz **Sydney Ellul Sullivan v. il-Kummissarju tal-Pulizija et** (Qorti Kostituzzjonali 28 ta' Jannar 2013) fejn gew elenkati tliet konsiderazzjonijiet sabiex jigi stabbilit il-qies tad-

dewmien fil-proceduri, ossia (i) il-komplessita` tal-kaz (ii) l-imgieba ta' min ikun qed iressaq l-ilment u (iii) is-sehem tal-awtoritajiet koncernati fid-dewmien.

9. Jghaddi biex jghid li fil-kaz odjern ma kienx hemm dewmien irragonevoli, meta jitqies fost affarijiet ohra, il-komplessita` tal-vertenza, kif ukoll tenut kont tan-natura tal-kaz u tan-numru ta' perizji mitluba.

10. Rigward il-kawza numru 319/70, l-intimat isostni li d-dewmien li minnu qed jilmenta r-rikorrent [allura konvenut] ikkontribwixxa ghalih huwa stess, fejn fost affarijiet ohra huwa baqa' jinsisti li l-Qorti tistenna l-ezitu tal-kawza l-ohra 994/71 minkejja li l-parti l-ohra xtaqet li l-Qorti tghaddi ghas-sentenza.

11. Rigward il-kawza numru 994/71, fejn ir-rikorrent [allura attur] allega li kien sofra danni konsegwenza ta' "concentrate" fornit lilu minn Ignazio Gatt [allura konvenut] l-intimat isostni li lanqas hawn ma kien hawn ksur tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni, stante illi d-dewmien ilmentat kien principalment tort tal-partijiet, inkluz l-istess rikorrent. L-intimat jghid li r-rikorrent iddikjara l-provi tieghu maghluqa wara hmistax-il sena li kien fetah il-kawza, izda kien biss meta beda bil-provi tieghu li huwa kien beda jilmenta dwar dewmien.

12. L-intimat jghaddi biex jelenka fid-dettal dawk il-fatturi li wasslu ghad-dewmien esagerat fil-kawzi odjerni. Hu jsemmi d-diversi rikorsi li kien ghamel ir-rikorrent [allura konvenut] fejn talab lill-Qorti tordna li l-periti gurizzjarji jirrelataw fuq il-provi migbura in kwantu l-attur f'dik il-kawza kien ghadu ma ghalaqx il-provi tieghu. L-intimat pero` jissottometti illi dan ma jinnewtralizzax il-fattur tal-passivita` tar-rikorrent meta mill-atti jirrizulta li d-dewmien minnu lmentat kien sostanzjalment attribwibbli lilu stess u ghaz-zmien esagerat li kien ha sabiex ghalaq il-provi tieghu.

13. Dwar is-sehem tal-awtoritajiet koncernati, l-intimat jghid li *dato ma non concesso* li kien hemm xi dewmien, dan mhuwiex attribwibbli lill-Qorti li quddiemha kienu qed jinstemghu l-kawzi, stante li s-seduti tmexxew regolarment. Jirreferi ghas-sentenza tal-Prim' Awla datata 3 ta' Frar 2009 fl-ismijiet **Said v. L-Avukat Generali** fejn saret distinzjoni bejn process kriminali u process civili u in kwantu dan huwa strettament process civili, ma jezistux l-preokkupazzjonijiet assocjati ma' kazi kriminali.

*Konsiderazzjonijiet tal-Qorti*

14. Fl-ewwel lok jigi ribadit li:

"…din il-Qorti bhala qorti ta' rivizjoni ma tiddisturbax leggerment id-

> diskrezzjoni tal-Qorti tal-prim istanza, hlief meta tkun manifestament zbaljata jew ghax ikun hemm ragunijiet serji, jew li l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha *[App.C. Emanuel Cardona et vs Dr.Graham Busuttil, deciz 10 Jannar 1995].* Dan ma jsirx "sakemm l-appellant – ghax fuqu trid tinkombi l-prova – ma jissodisfahiex li kien hemm ragunijiet validi bizzejjed biex jitfghu dubju ragjonevoli fuq il-gustizzja tal-apprezzament ta' provi li ghamlet l-ewwel qorti u li konsegwentement jekk ma tintervjenix biex tvarja l-konkluzjonijiet taghha, tkun ser tigi kommessa ngustizzja manifesta *[App.S. Paul Formosa v Salvu Debono, deciz 5 Ottubru 2001]*."[1]

15. Fis-sentenza appellata l-ewwel Qorti tghid illi *"ezaminat l-atti tal-kawza li dwarhom qed jilmenta r-rikorrenti"* u kien a bazi ta' dan illi waslet ghad-decizjoni taghha li r-rikorrent ma kellux smigh xieraq u konsegwentement illikwidat kumpens. Din il-Qorti tosserva li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament ragjonat tal-fatti relevanti ghall-vertenza odjerna, u spjegat il-motivazzjonijiet li wassluha ghall-konkluzjoni li r-rikorrenti appellat ma kellux smiegh xieraq fi zmien ragonevoli. Din il-konkluzjoni hi bazata fuq is-segwenti osservazzjonijiet fattwali u guridici.

16. In tema legali jigi osservat li llum jinsab assodat, kemm fil-gurisprudenza patria kif ukoll f'dik Ewropeja, li biex jigi accertat jekk it-tul ta' zmien li hadu l-proceduri kienx ragjonevoli jew le ghall-finijiet tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni, ghandhom jigu ezaminati c-cirkostanzi kollha partikolari tal-kaz specjalment il-komplessita` tal-kaz li kien qed jigi deciz, kif gab ruhu r-rikorrenti fil-kors tal-proceduri li huwa qed

---

1 App. 427/2004/1 **Glenda Farrugia noe et v. Direttur tar-Registru Pubbliku**, 31/10/2014

jilmenta minnhom, kif imxew il-qrati fil-kors tal-istess process u x'kellu x'jitlef bhala konsegwenza tal-istess proceduri, oltre, ovvjament, kemm effettivament dam biex il-kaz jigi deciz b'mod finali[2].

17. Inoltre *"l-fattur taz-zmien m'ghandux jigi determinat fl-astratt imma fid-dawl tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz [ara Applik Nru 1103/6 kontra l-Belgju]*"[3].

18. Ma tezisti ebda lista komprensiva li tista` twassal lill-Qorti sabiex tiddikjara lezjoni tad-dritt ta' smigh xieraq abbazi ta' dewmien fil-proceduri, u ghalhekk il-Qorti trid tqis ic-cirkostanzi kollha partikolari ghall-kaz, inkluz il-kumplessita` tal-mertu kif ukoll l-imgieba tal-partijiet.

> "As regards the criteria for assessing whether the General Court has observed the reasonable time principle, it must be borne in mind that the reasonableness of the period for delivering judgment is to be appraised in the light of the circumstances specific to each case, such as the complexity of the case and the conduct of the parties *(see, in particular, **Der Grüne Punkt – Duales System Deutschland v. Commission**, paragraph 181 and the case-law cited).*
>
> "*…. The Court has held in that regard that the list of relevant criteria is not exhaustive and that the assessment of the reasonableness of a period does not require a systematic examination of the circumstances of the case in the light of each of them, where the duration of the proceedings appears justified in the light of one of them. Thus, the complexity of the case or the dilatory conduct of the applicant may be deemed to justify a duration which is prima facie too long (see, in particular, **Der Grüne Punkt – Duales System Deutschland v. Commission**, paragraph 182 and the case-law cited)*"[4].

---

[2] Vide **Frydlender v. France** GC no. 30979/96, § 43, ECHR 2000-VII.
[3] PA **Anthony Camilleri v. L-intimat** 22/03/2012 [konfermata fl-appell fit-18/09/2012]
[4] Grand Chamber, ***Kendrion NV v. European Commission***, 26/11/2013, C-50/12P para 96-

19. Dwar it-tifsira tal-kuncett ta' 'zmien ragjonevoli', il-Qrati taghna wkoll esprimew ruhhom u sostnew illi t-terminu fih innifsu ghandu element qawwi ta' diskrezzjonalita` li jhalli f'idejn il-gudikant jiddetermina jekk fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, iz-zmien perkors sakemm il-persuna allegata tkun giet gudikata, kienx ta' tul tali li jeccedi dak li hu jew ghandu jkun normalment accettabbli f'socjeta` demokratika[5]. Dan ifisser illi kull kaz ghandu jigi ezaminat fid-dawl tac-cirkostanzi specjali tieghu. Dan il-principju japplika wkoll ghall-proceduri civili.

20. Fil-mertu jigi osservat li rigward il-kawza numru 994/71 jirrizulta dewmien sostanzjali. In sintezi dwar l-attivita` gudizzjarja rilevanti ghal dik il-kawza, din il-Qorti tosserva li fil-bidu tal-proceduri, il-kawza 319/70 giet konnessa mal-kawza 994/71. F'din tal-ahhar fejn ir-rikorrent kien l-attur, kienu bosta l-fatturi li kkontribwew ghad-dewmien. Fost affarijiet ohra, jirrizulta li, ghalkemm ir-rapport tal-perit tekniku Jaccarini kien gie pprezentat fis-17 ta' Novembru 1978, gie kkonfermat bil-gurament sentejn u nofs wara, u cioe` fil-5 ta' Frar 1981. Id-dritt tieghu kellu jithallas provizorjament mir-rikorrent, li kien gie notifikat bl-avviz tat-taxxa fil-21 ta' Marzu 1979. Fit-8 ta' Ottubru 1981 ir-rikorrent kien talab il-hatra ta' periti perizjuri u wara li gie deciz definittivament min kellhom ikunu dawn il-periti, il-kawza giet differita bosta drabi ghar-rapport. Fil-frattemp kien hemm ukoll il-hatra ta' perit legali, u kien biss fil-11 ta'

97
[5]Q.Kos. **Emanuela Brincat v. L-intimat**, 21/2/1996 [Vol.80]

Gunju 1985 li l-periti addizzjonali ipprezentaw ir-rapport taghhom. Jidher ukoll illi mis-7 ta' Novembru 1985 meta kienet saret it-talba ghall-eskussjoni tal-periti addizzjonali, kien biss fid-9 ta' Jannar 1987 li saret tali eskussjoni. Kien hemm okkazzjonijiet meta l-periti ma dehrux, tant li kienu nstabu hatja ta' disprezz[6], u kien hemm ukoll bosta differimenti li mhux dejjem kienu motivati[7] jew li dwarhom ma ttiehdux provvedimenti mill-Qorti[8]. Fit-23 ta' Frar 1987 inhatru Peter Calascione u Dr Joseph Galea Debono bhala periti gudizzjarji sabiex jirrelataw dwar likwidazzjoni tad-danni. Minn hemm kien hemm serje ta' differimenti sakemm fil-21 ta' Ottubru 1991 il-Qorti kienet giet informata li l-konvenut [Ignazio Gatt] kien miet. Fid-9 ta' Novembru 1992 il-kawza marret *sine die* stante li ma kinitx saret il-legittimazzjoni tal-atti u sussegwentement regghet giet appuntata fit-3 ta' Novembru 1993. Ukoll waqt l-udjenza tal-10 ta' Novembru 1993, il-Qorti osservat li l-perit gudizzjarju Calascione kien ghadu mhux notifikat bin-nomina[9]. Intant ghaddew bosta snin u saru seduti quddiem il-perit legali, fejn waqt xi whud minnhom ma sar xejn. In-nuqqas ta' interess da parti taz-zewg partijiet fil-kawza gie sollevat ukoll mill-perit legali li f'wiehed fil-verbal tat-28 ta' Frar 1996 quddiem l-assistent gudizzjarju ikkummenta li lanqas biss kienu qed jattendu ghas-seduti appuntati minnu[10]. Kien fl-14 ta' Mejju 1996 li r-rikorrent hawnhekk appellat iddikkjara li ma kellux iktar provi u

[6]Citazzjoni Nru: 994/71 fol. 159
[7]Per ez Citazzjoni Nru: 994/71 fol. 155, 190, 200
[8]Per ez f'Citazzjoni Nru: 994/71 kien hemm numru ta' differimenti ghall-eskussjoni fejn din ma saritx fosthom fol. 149, fol. 153, fol. 154, 156, 158, 176
[9]In-nomina saret fit-23 ta' Frar 1987
[10]Citazzjoni Nru: 994/71 fol. 227

kien fil-31 ta' Ottubru 2011 li l-perit legali Dr Vincent Galea[11] ipprezenta r-rapport tieghu.

21. Minn dan is-sunt jidher car illi tul il-kors tal-proceduri kienu tassew bosta l-fatturi illi tawwlu din il-kawza. Wiehed jista' jsemmi principalment il-passivita` tal-partijiet; u anke f'certu stadji l-inattivita` tal-periti gudizzjarji u l-konsegwenti sostituzzjoni ta' whud minnhom; id-diffikulta` sabiex jigu rintraccati l-periti teknici; dewmien sabiex jittellghu certu xhieda; fatturi procedurali bhall-legitimazzjoni tal-atti wara l-mewt ta' wiehed mill-partijiet; bdil tad-difensuri tal-partijet; kif ukoll il-bdil tal-gudikanti tul is-snin li zgur ma ffacilitatx l-andament tal-kawza.

22. Kif osservat mill-ewwel Qorti, ir-rikorrent, ghalkemm kellu parti mill-htija ghal tali dewmien, ma kellux il-htija kollha. Hija osservat illi *"l-kawzi ghaddew minn elenku shih ta' gudikanti, periti, periti addizzjonali, periti legali, assistent gudizzjarju, sakemm finalment gew decizi"*.

23. Din il-Qorti tishaq pero` li dawn il-konsiderazzjonijiet ma jnaqqsu xejn mid-dmir tal-iStat li jassigura li l-process gudizzjarju jimxi minghajr dewmien inutili. Sfortunatament, kif diga` kellha c-cans tirrileva din il-Qorti,[12] is-sitwazzjoni ta' qrati mghobbijin b'volum kbir ta' kawzi, uhud minnhom 'antiki', hafna drabi jservi bhala ostakolu ghall-prosegwiment

[11] Il-perit precedenti kien gie elevat ghall-gudikatura
[12] *App.* **S. Joseph Gatt et v. Avukat Generali**, 28/02/2014

spedjenti tal-kawzi, b'mod li jekk il-Qorti koncernata ma tinghatax l-informazzjoni korretta mid-difensuri dwar l-istat li fih tkun waslet il-kawza dik il-Qorti tkun facilment indotta fl-izball li tahseb li fil-kawza li tkun qed tinstema' mill-perit gudizzjarju jkunu qed jinstemghu x-xhieda, mentri r-realta` tkun mod iehor. Il-Qorti kompliet tishaq illi huwa minnu li hu dmir tal-Qorti li tara li l-kawzi ma jdumux aktar min-necessarju, izda huwa daqstant l-obbligu tal-partijiet, inkluzi tal-periti gudizzjari, li jaghtu l-informazzjoni preciza lill-Qorti dwar dak li kien qed isir fis-seduti peritali, u jekk kienx qed jigi registrat progress. Dan japplika b'aktar qawwa fil-kazijiet bhal dawk *de quo* fejn jirrizulta li l-imhallfin inbiddlu bosta drabi. F'dan il-kaz l-oneru tal-partijiet li dawn jinformaw lill-Qorti, allura preseduta minn Imhallef gdid, dwar l-andament tal-kawza jassumi aktar importanza.

24. Fis-sentenza appellata, l-ewwel Qorti, ghalkemm tirrikonoxxi illi kien hemm ukoll element kontributtiv da parti tar-rikorrent, tikkonkludi li ma ssibx fih l-istess *"doza qawwija ta' passivita`"* li sabet din il-Qorti fil-kontro-parti tieghu Ignazio Gatt, u dana peress illi fil-kawza fejn hu kien l-attur [nru. 994/71], li maghha kienet qed timxi l-kawza l-ohra [319/70], hu kien intavola diversi rikorsi sabiex jikseb rimedju ghall-passivita` ta' Ignazio Gatt. Dan il-fatt inghata l-piz tieghu fil-komputazzjoni tal-kumpens. Fil-konsiderazzjonijiet taghha l-ewwel Qorti osservat li f'diversi okkazjonijiet ir-rikorrent kien intavola diversi rikorsi sabiex

jinghalqu l-provi tal-kontro-parti li kienet damet snin twal biex tressaq provi. Tkompli tosserva li n-nuqqas ta' interess tal-kontro-parti kien gie senjalat lill-Qorti diversi drabi tul is-snin, anke mill-periti legali u l-assistent gudizzjarju, tant li l-kawza 319/70 fejn ir-rikorrent kien konvenut kienet giet sahansitra ikkancellata mill-Qorti minhabba nuqqas ta' interess da parti tal-istess Ignazio Gatt [allura attur].

25. Din il-Qorti pero` tosserva li, minkejja l-apatija tal-partijiet infushom u tal-bosta periti li gew mahtura tul is-snin f'dawn il-kawzi, kien il-poter-dover tal-Qorti illi tizgura li tali dewmien ma jigix permess. Kif spiss sahqu l-qrati taghna, fl-ahhar mill-ahhar id-dmir jibqa' tal-Qorti li ma tippermetti lil hadd mill-partijiet, inkluzi d-difensuri, li jabbuzaw mill-process gudizzjarju u fl-istess waqt tizgura li l-periti gudizzjarji jaqdu dmirijiethom fi zmien ragjonevoli minghajr il-htiega li toqoghod tistenna lill-partijiet biex jattirawlha l-attenzjoni[13].

26. Kif jinghad f'**Wolhmeyer v. Austria**:

> "The Court notes in this context that an expert's work in the context of judicial proceedings is supervised by a judge who remains responsible for the preparation and speedy conduct of the proceedings [see among other authorities, **Peryt v. Poland**, no 42042/98 para.57, 2/12/2003]."[14]

27. Din il-Qorti taghmel referenza wkoll ghall-konsiderazzjonijiet taghha stess kif preseduta f'sentenza ohra simili ghal dik odjerna:

---

[13]PA **Joseph Gatt et v. L-intimat**, 29/07/2013 [deciza mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Frar 2014]
[14]No 220077/02, 8/7/2004

> "Fil-fehma ta' din il-qorti, għalhekk, kien hemm nuqqas kemm tal-ewwel qorti fit-tmexxija tal-kawża, nuqqas inerenti fis-sistema u nuqqas tal-partijiet, fosthom l-atturi stess. Ladarba d-dmir ewlieni li tmexxi l-kawżi b'ħeffa u effiċjenza, minkejja wkoll l-inerzja tal-partijiet, jaqa' fuq il-qorti, u ladarba wkoll hemm dmir fuq l-awtorita` pubblika li tagħmel disponibbli riżorsi biżżejjed biex il-qorti tkun tista' twettaq id-dmir tagħha, din il-qorti ma taqbilx mal-argument tal-Avukat Ġenerali illi l-istat għandu jkun ezonerat minn responsabbilità għal dewmien ta' għexieren ta' snin biex tinqata' kawża ta' komplessita` mhux aktar mill-medja. Il-qorti dan tgħidu mingħajr ma b'hekk tnaqqas xejn mir-responsabbilità kontributorja tal-atturi stess illi għandu jkollha relevanza għal-likwidazzjoni tal-kumpens lilhom dovut."[15]

28. Tista` tghid li dawn il-principji japplikaw ghall-kaz odjern fl-intier taghhom. Id-dmir ahhari sabiex tigi zgurata sistema gudizzjarja efficjenti u li tassigura gustizzja lil kulhadd huwa tal-iStat, hawnhekk rapprezentat mill-intimat.

29. Ghaldaqstant dan l-aggravju qed jitqies bhala infodant u ghalhekk qed jigi michud.

*It-tieni aggravju*

30. Permezz ta' dan l-aggravju, l-intimat jghid li *dato ma non concesso* li tassew gew lezi d-drittijiet tar-rikorrent appellat, huwa jhossu aggravat bir-rimedju moghti mill-ewwel Qorti ghal-lezjoni konvenzjonali subita mir-rikorrent. Jghid li l-ammont ta' €5,000 moghti mill-ewwel Qorti huwa wiehed eccessiv u fic-cirkostanzi dikjarazzjoni ta' ksur

[15] App. S 30/2013 **Iris Cassar v. Avukat Generali**, 27 Marzu 2015

ghandha tkun sufficjenti.

31. L-intimat jghid illi f'kull kaz, il-fatt li r-rikorrent stenna sad-29 ta' Ottubru 2013 sabiex jipprezenta l-proceduri odjerni, ikompli juri l-passivita` tieghu u jimmilita kontrih fil-komputazzjoni tal-kumpens. Huwa jaghmel ukoll referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Joseph Gatt et v. L-Avukat Generali**[16] fejn din il-Qorti ffissat kumpens fl-ammont ta' €3,000 ghad-dewmien fl-erba` kawzi in kwistjoni. Jghid ghalhekk illi l-kumpens attribwit mill-ewwel Qorti fir-rigward ta' tnejn biss minn dawk l-erba` kawzi, huwa wiehed eccessiv, stante wkoll illi z-zewg partijiet ikkontribwew ghad-dewmien lamentat.

32. L-intimat ihossu wkoll aggravat minn dik il-parti tad-decizjoni appellata fejn gie deciz li ma sabitx fir-rikorrenti 'l-istess doza ta' passivita`' li sabet din il-Qorti fil-kontro-parti. Jghid li ghalkemm huwa minnu li r-rikorrent appellat intavola diversi rikorsi sabiex jinkiseb rimedju ghall-passivita` ta' Joseph Gatt, huwa minnu wkoll li r-rikorrent stess kien dam 15-il sena biex jaghlaq il-provi tieghu u kien biss wara dan li ssollecita lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza minkejja li l-kontroparti kienet ghadha ma ghalqitx il-provi. Di piu`, jghid li l-kawza 319/70 kienet ilha li mmaturat ghas-sentenza izda ma kinitx inghatat fuq talba tieghu li tkompli timxi mal-kawza numru 994/71.

---

[16] 25/2010/1 datata 28 ta' Frar 2014

33. Fir-rigward din il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni tal-intimat li wara dewmien konsiderevoli bhal ma hu dak trattat odjernament, semplici dikjarazzjoni ta' lezjoni tad-dritt tar-rikorrent ghal smigh xieraq huwa bizzejjed. Hawnhekk si tratta ta' zewg kawzi li hadu tlieta u erbghin sena (43) biex jinqatghu fl-ewwel grad. Jirrizulta wkoll illi l-mertu ma kienx wiehed kumpless izda kien fil-medja - mertu li seta' gie rizolt fi ftit zmien, wara ezami tekniku tal-ghalf in kwistjoni.

34. Dwar il-fatt li l-kawza bin-numru 319/70 kellha tistenna l-ezitu tal-kawza bin-numru 994/71, l-intimat fir-rikors jissottometti li din kienet mossa tar-rikorrent appellat f'tentattiv illi jtawwal il-proceduri. Izda ma jistax validament jinghad li din hija xi haga li nsista fuqha r-rikorrent kapriccozament. Di fatti kienet il-Qorti fil-11 ta' Jannar 1972 illi ordnat li z-zewg kawzi jimxu flimkien *"Billi hu espedjenti li dawn jimxu flimkien..."*[17] Dan id-digriet qatt ma gie revokat u allura baqa' japplika tul il-kors tal-proceduri.

35. Mill-banda l-ohra din il-Qorti thoss illi huwa tassew minnu li, kif jissottometti l-intimat, ir-rikorrent ukoll ghandu x'jahti ghad-dewmien fil-kawzi in kwistjoni. Fil-fehma ta' din il-Qorti, ghalkemm l-ewwel Qorti tghid li r-rikorrenti "ma kellux il-htija kollha tad-dewmien" dik il-Qorti ma

[17] Citazzjoni Nru: 319/70 Fol 73

tatx piz bizzejjed ghan-nuqqasijiet tar-rikorrent meta ikkomputat il-kumpens fl-ammont ta' €5,000. Filwaqt li l-ewwel Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Prim' Awla fid-29 ta' Lulju 2013 li permezz taghha il-kontro-parti tal-attur gie attribwit €12,000[18] bhala kumpens ghad-dewmien, hija tghid li fil-kawza odjerna ma ssibx l-istess *"doza qawwija ta' passivita`"* li sabet dik il-Qorti fil-kontro-parti Joseph Gatt, u dan peress li fil-kaz odjern ir-rikorrent kien intavola diversi rikorsi sabiex jikseb rimedju ghall-passivita` tal-istess Joseph Gatt. Il-Qorti ghaddiet ghalhekk biex tillikwida l-kumpens li qed jigi hawn ikkontestat.

36. Din il-Qorti ma taqbilx ghal kollox mal-ewwel Qorti fir-rigward. Tosserva li ghal numru konsiderevoli ta' snin, ir-rikorrent ma ghamel xejn sabiex jissollecita l-andament tal-proceduri. Kien biss wara li ghaddew 'il fuq minn ghoxrin sena [u wara li kien ghalaq il-provi tieghu wara hmistax-il sena] li dan qisu stenbah u beda jipprotesta u jissollecita l-Qorti biex tghaddi ghas-sentenza minkejja li l-intimat ma kienx ghadu ghalaq il-provi tieghu. Dan ifisser illi ghalkemm huwa minnu illi d-dewmien dovut ghar-rikorrent appellat seta` kien inqas minn dak dovut ghall-kontro-parti tieghu Gatt, hija l-fhema ta' din il-Qorti li l-ewwel Qorti kellha taghti piz aktar lill-apatija tar-rikorrent fl-ewwel snin tal-kawza, u dan ghandu jittiehed in konsiderazzjoni u jinghata l-piz misthoqq fil-komputazzjoni tal-kumpens.

[18] Liema ammont kien gie sussegwentement ridott minn din il-Qorti ghal-€3,000

37. Inoltre, il-fatt li r-rikorrent istitwixxa l-proceduri quddiem din il-Qorti fis-sena 2013 [b'differenza mill-proceduri kostituzzjonali istitwiti minn Ignazio Gatt fis-sena 2010], meta l-kawzi kienu ilhom ghaddejjin 'il fuq minn erbghin sena, huwa prova cara tal-passivita` tieghu u tan-nuqqas tieghu li jirreklama d-dritt kostituzzjonali tieghu naxxenti mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

38. Jibqa' pero` l-fatt li, tenut kont tad-dewmien bla dubju esagerat u mhux gustifikat fil-proceduri in kwistjoni u wkoll tenut kont tal-fatturi li jimmilitaw kontra r-rikorrent appellat, in partikolari l-kontribuzzjoni tieghu ghal tali dewmien u l-fatt li halla tant zmien jghaddi qabel ma istitwixxa l-proceduri odjerni, din il-Qorti jidhrilha illi l-ammont ta' €2,000 huwa rimedju adegwat ghal-lezjoni konvenzjonali sofferta minnu.

<u>Decide</u>

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' l-appell limitatament kif ser jinghad billi: tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti akkordat kumpens ta' hamest elef ewro (€5,000) u, minflok tirriduci l-ammont tal-kumpens dovut lir-rikorrenti ghas-somma ta' elfejn ewro [€2,000].

L-ispejjez tal-appell ghandhom ikunu kwantu ghal zewg terzi ($^{2}/_{3}$) a karigu tal-intimat u r-rimanenti terz ($^{1}/_{3}$) ikunu a karigu tar-rikorrent appellat.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df